**3 ta' Ġunju , 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Albert Mizzi ne.

*versus*

Anthony Camilleri ne.

**Dazju — Interpretazzjoni tal-Liġijiet Fiskali — "Containers" — "Plastic Pails" — Marġerina — Konswetudini.**

*F'materja ta' liġijiet fiskali, l-orjentament tal-ġurisprudenza lokali u estera fil-passat aktarx kien illi fid-dubju għandha tiġi segwita l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-kontribwent; imma aktar reċentement ġie ritenut, bir-raġun, illi din l-interpretazzjoni la għandha tkun favur jew kontra l-kontribwent, u lanqas favur jew kontra l-erarju, imma illi l-liġijiet tributarji għandhom jiġu nterpretati skond ir-regoli soliti u normali tal-ermenewtika grammatikali u loġika.*

*Kwantu għall-valur tal-konswetudini bħala element interpretattiv tal-liġi, din hi massima komuni, minn żmienijiet antiki ripetutament espressa minn awturi u ġudikanti; s'intendi, meta l-liġi toffri xi dubju; għaliex, meta l-kliem tal-liġi jkunu ċari, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni u għar-rikors għall-konswetudini; u s'intendi wkoll li din l-osservanza jew konswetudini tkun mhux xi att iżolat, imma għal żmien diskretament twil li fih tiġi ripetuta, u li tkun univoka, u li tkun "rite probata".*

*Hekk, ladarba l-marġerina hija "duty free", u l-"containers" ma kienux iħallsu dazju, dan id-dazju ma hemmx lok li jiġi mpost fuq l-istess "containers" minħabba l-fatt li dawn bdew jiġu minn barra tal-plastic, u l-marġerina bdiet tiġi mportata minn barra fi bramel tal-plastic, meta l-bramel tal-injam jew taż-żingu li fihom kienet tiġi qabel ma kienux iħallsu dazju. U ma jiswiex kontra din il-konklużjoni l-fatt illi dawn il-bramel tal-plastic, wara li jinbiegħ il-kontenut tagħhom, jinbiegħu bħala oġġett a sè u huma "a marketable commodity".*

Il-Qorti:— Rat l-avviż tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talab li l-konvenut nomine jiġi kundannat li jirrifondi lill-attur is-somma ta' £3. 13. 8d, lilu mħallsa fl-10 ta' Jannar 1961, taħt protest, bħala dazju minnu mpost fuq mitt "plastic pails" li fihom l-attur importa merkanzija, peress li dan id-dazju mhuwiex impost milliġi. Bl-ispejjes, u bl-inġunzjoni lill-konvenut għas-subizzjoni;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 1961, reġistrat quddiem l-Ewwel Qorti, li bih id-difensur tal-attur iddikjara illi r-rifużjoni tirrigwarda taxxa mħallsa taħt protesta, imposta mill-Kollettur fuq "plastic containers" li fihom ġiet importata marġerina, li hija "duty free"; u illi l-ewwel il-"containers" kienu tal-injam, u mbagħad tal-kartun; u li l-partita in kwistjoni ġiet f' "containers" tal-plastic, u li kienet tiġi anki fil-bramel taż-żingu; u bl-istess verbal id-difensur tal-konvenut qabel mal-korretezza ta' dak il-verbal;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Marzu 1961 li biha ddeċidiet billi ċaħdet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

L-attur dan l-aħħar importa partita marġerina, ippakkjata fi bramel tal-plastic, u l-konvenut talab lill-attur iħallas id-dazju fuq dawk il-bramel. L-attur ħallas dak id-dazju taħt protesta, u issa qiegħed jitlob ir-rifużjoni tiegħu; għaliex jippretendi li, ladarba l-"marġerina" hija "duty free", huwa ma għandux iħallas dazju fuq dawk il-bramel tal-plastic, għaliex dawk mhumiex ħlief aċċessorji tal-marġerina, u għalhekk għandhom ikunu eżentati mid-dazju bħal l-istess marġerina;

Issa, hu ta' min josserva li barmil tal-plastic mhux ħaġa li ma tistgħax isservi ħlief biex iġġorr il-marġerina fiha, imma huwa "a marketable commodity". Kieku wieħed jimporta dawk il-bramel mingħajr ebda marġerina fihom, wieħed fuqhom ikollu jħallas id-dazju. Għalhekk, is-sempliċi fatt li dawn il-bramel ġew importati bil-marġerina ma għandux jeżentahom mid-dazju tagħhom. Kieku kien hekk, kien ikun faċli wieħed jevadi d-dazju;

Illi għalhekk it-talba tal-attur ma tistgħax tiġi milqugħa;

Rat in-nota tal-appell tal-attur nomine, u ċ-ċitazzjoni li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, jeħtieġ li jiġu enunċjati l-prinċipji li għandhom jirregolaw xi kwistjonijiet li ġew sollevati fil-kors tad-dibattitu;

Ingħad mill-appellant nomine li, f'materja ta' liġijiet fiskali, fid-dubju għandha tiġi segwita l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-kontribwent. Hu veru li fil-passat l-orjentament tal-ġurisprudenza lokali u estera aktarx kien f'dan is-sens (ara, għal dik li hi ġurisprudenza lokali, Kollez. XXVIII-II-387, u, għal dak li hi ġurisprudenza estera, Coen, Rep. voce Dazio Consumo, para. 2); imma aktar reċentement ġie, bir-raġun, ritenut illi "in materia gabellarum" l-interpretazzjoni la għandha tkun favur jew kontra l-kontribwent, u lanqas favur jew kontra l-erarju, imma li l-liġijiet tributarji għandhom jiġu nterpretati skond ir-regoli soliti u normali tal-eremenewtika grammatikali u loġika (ara sent. P'Awla "Farrugia vs. Frank Agius ne.", 9 ta' April 1949);

Kwantu għall-valur tal-konswetudini bħala element interpetattiv tal-liġi, din hi massima komuni, minn żmienijiet antiki ripetutament espressa minn awturi u ġudikanti. Hekk ngħad:— "Observantia multum auctoritatis habet pro statutorum et legum interpretatione" (Recent. Melivetana, Prioratum, 15 ta' Ġunju 1715, coram Copraca); u "observantia est optima statuti interpres" (Dig. de consuetudine). S'intendi, dan jingħad għal meta l-liġi toffri xi dubju; għaliex divers hu l-każ meta l-kliem tal-liġi jkunu ċari. Ingħad, infatti:— "Observantia interpretativa in statutis semper attenditur quoties statutum non est adeo clarum ut non possit aliter interpretari". Ben inteso, ukoll, li din l-osser-

vanza tkun, mhux "unicus simplex actus", imma għal żmien diskretament twil li fih tiġi ripetuta, li tkun univoka, u li tkun "rite probata";

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat mill-appellat nomine (ara nota tiegħu fol. 31) li, għal żmien twil, ma ġie qatt eżatt dazju fuq il-bramel taż-żingu li fihom kienet tiġi l-marġerina. L-eżistenza ta' din l-osservanza nterpretattiva tal-liġi, għalhekk, ma hijiex kontestata, u ma hija xejn affattu kontra xi kliem ċar tal-liġi; għalhekk ma hux il-każ li jingħad li dik l-osservanza "legem evertit et corrumpit". Anzi jidher "prima facie" loġiku li dak li hu l-"package", jew "container", u li jkun ħaġa waħda mal-merkanzija, ma għandux iħallas dazju. Di pjù, il-fatt li, meta d-Dipartiment tad-Dwana deherlu li għandu jibda jitħallas id-dazju fuq il-"containers", ħass in-neċessità li joħroġ dik li, bi frażi ġurnalistika moderna, tissejjaħ "Press Release" (ara dok. fol. 21), iservi biex juri li din l-"observantia interpretativa" kienet, biex wieħed juża l-ingwaġġ tekniku tad-deċiżjonijiet Rotali in propożitu, "fundata, relevans", u mhux ċertament ta' "auctoritas vilis";

Fin-nota tal-appellat nomine ġiet użata, in riferenza ta' din l-osservanza nterpretattiva, il-kelma "tolleranza". Dan ma hux aċċettabbli; għaliex ma hux konċepibbli li l-Kap tad-Dipartiment sejjer jirrimetti d-dazju bħala "actus facultativus";

Minn nota tal-appellat, u anki mill-osservazzjonijiet sottomessi mid-difensur tiegħu fid-dibattitu orali, jidher li l-interpretazzjoni li l-appellat irid jagħti issa hi dovuta minħabba li fil-preżent il-marġerina qegħdha tiġi fi bramel tal-plastic minflok, bħal qabel, fi bramel taż-żingu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kieku, bla ebda ġustifikazzjoni jew spjegazzjoni riċerkabbli fil-kambjamenti li żviluppaw ruħhom anki fi branki oħra tal-kummerċ, beda jintuża għall-marġerina, bħala "package" ossija "container", flok żingu, materjal ieħor insolitu, b'mod li jista' wieħed fondatament jaħseb li taħt il-pretest ta' "package" jew "container" kien qed jiġi ntrodott għall-konsum oġġett ieħor, bi skop ta' evażjoni

tad-dazju, allura, talvolta, it-teżi tal-appellat nomine kienet takkwista konsistenza. Imma l-każ hu divers. Hi ħaġa nota li f'dawn l-aħħar snin l-użu tal-plastic ġie ġeneralizzat, b'mod li numru konsiderevoli ta' oġġetti, li qabel kienu jiġu magħmula minn materjal ieħor, qegħdin issa jsiru tal-plastic; u kien indubbjament għalhekk li l-"container" tal-marġerina daħal ukoll f'dan il-kwadru ġenerali tal-użu estiż ta' dan il-materjal. Ma jidherx, għalhekk, li ċ-ċirkustanza issa msemmija kienet tali li għandha tbiddel l-osservanza nterpretattiva li kienet in vigore sal-lum, almenu sakemm ma ssirx dispożizzjoni espressa ġdida fil-liġi; għaliex, ċertament, il-"press release" ma hux ħlief "caveat", u ma għandu ebda forza ta' liġi;

Kontra dawn ir-riflessjonijiet ma jidherx li jista' jkollha valur iċ-ċirkustanza li l-bramel tal-plastic, wara li jinbiegħ il-kontenut, jiġu mibjugħa bħala oġġett "a sè", u li għalhekk dawk il-bramel huma per sè "a marketable commodity"; u dan għaliex, anki meta l-"container" kien barmil taż-żingu, l-istess, kif inhu risaput, kien jinbiegħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba kontenuta fl-avviż; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

L-appellant nomine jista' jirtira l-barmil eżibit fol. 29. Id-dokument fol. 33, però, għalkemm eżibit "animo ritirandi", għandu jibqa' fil-proċess.